# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020

## Talba Numru 72/2019SFJ

***Consolidated Biscuit Company Limited (C5600)***
***vs.***
***Rockcut Limited (C10164)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' April 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

- Li kienet qed tintalab is-somma ta' **elfejn u disa' mija u erbgħa u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,944.66)** jew somma oħra verjuri rappreżentanti d-danni subiti minnha fl-24 ta' April u fit-28 ta' Mejju 2018 meta waqt li kienet qed twettaq xogħlijiet, is-soċjetà konvenuta kkaġunat ħsara f'*cables* tal-elettriku li kienu jipprovdu l-elettriku lis-soċjetà attriċi bil-konsegwenza li l-istess soċjetà attriċi ġarrbet qtugħ tal-provvista tal-elettriku lis-soċjetà attriċi, liema inċidenti seħħew tort tas-soċjetà konvenuta inkluż stante negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti.

- Illi l-ammont mitlub jinqasam hekk:

    - Elf u seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€1,748.04) rappreżentanti *labour and overhead costs*[1] relattivament għal *downtime* ta' ħames sigħat u tlett kwarti fl-24 ta' April 2018;

    - Erba' mija u seba' Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€407.44) rappreżentanti *raw material waste costs* relattivament għal *downtime* ta' ħames sigħat u tlett kwarti fl-24 ta' April 2018;

[1] Ara l-korrezzjoni awtorizzata mit-Tribunal fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2020.

- Erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€465.36) rappreżentanti *labour and overhead costs* relattivament għal *downtime* ta' sagħtejn u kwart fit-28 ta' Mejju 2018;

- Mija u sbatax-il Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€117.72) rappreżentanti *raw material waste costs* relattivament għal *downtime* ta' sagħtejn u kwart fit-28 ta' Mejju 2018; u

- Mitejn u sitt Ewro u għaxar ċenteżmi rappreżentanti *production line repairs* relattivament għal *downtime* ta' sagħtejn u kwart fit-28 ta' Mejju 2018.

- Illi dan l-ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta u ma tħallasx nonostante interpellazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali (mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li ġiet ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Diċembru 2018.

- Illi inoltre kienu qed jintalbu l-imgħaxijiet legali skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż ġudizzjarji inkluż tal-ittra uffiċjali relattiva, kontra s-soċjetà konvenuta li r-rappreżentanti ġudizzjarji tagħha kienu sa mid-data tal-ftuħ tal-kawża inġunti għas-subizzjoni.

Ra li bi qbil bejn il-partijiet, kopja legali tal-ittra uffiċjali relattiva ġiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020.

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fit-23 ta' April 2019 kif jidher mir-riferta relattiva (fol. 7).

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-7 ta' Mejju 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

- Illi s-soċjetà attriċi kellha ġġib prova tad-danni allegatament subiti minnha;

- Illi s-soċjetà konvenuta ħadmet b'diliġenza u skont il-liġi u ma kkawżatx danni lis-soċjetà attriċi;

- Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi kienet esaġerata u mhux ġustifikata;

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Novembru 2020.

**Provi ippreżentati**

Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2019 xehed **Efrem Ebejer**, prodott mis-soċjetà attriċi. Huwa spjega li kien *procurement manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi u kien jieħu ħsieb xi *insurance claims*. Ebejer xehed li fl-24 ta' April 2018 ċempillu l-*production manager* tad-ditta *Sunshine Snacks*, li hija parti mis-soċjetà attriċi, u qallu li kien hemm ħsarat f'*cable* tad-dawl u li l-ħsarat saru mis-soċjetà konvenuta. B'riżultat ta' dan, is-soċjetà attriċi spiċċat mingħajr dawl u l-produzzjoni kellha tieqaf. L-inċident tat-28 ta' Mejju 2018 kien wieħed simili.

Mistoqsi kif sar jaf li s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli, Ebejer wieġeb li l-*production manager* tad-ditta *Sunshine Snacks* kien ċempillu u mbagħad bagħat *e-mail*. Ix-xhud kien infurmat li s-*supervisor* responsabbli fi ħdan is-soċjetà konvenuta kien ċertu Rhys Lee Buttigieg. Wara li ġie nfurmat, ix-xhud ċempel lil Buttigieg iżda dan ma kkonfermax li s-soċjetà konvenuta kienet taħti għas-sinistru relattiv. Wara dan, ix-xhud bagħat *e-mail* u l-komunikazzjoni baqgħet issir dejjem bil-miktub. L-*e-mail address* relattiv kien info@rockcut.com.mt. Madankollu, ix-xhud qatt ma rċieva risposta iżda darba fost l-oħrajn is-soċjetà konvenuta qaltlu jikkuntattja lill-avukat Dr Beryl Buttigieg. Huwa nforma lil Dr Buttigieg biż-żewġ episodji u din qaltlu li kienet ser issegwi l-każ. Ix-xhud spjega li s-soċjetà attriċi ma kinitx tħallset u li l-ammonti mitluba

ġew maħduma mill-kontrollur finanzjarju. Id-dokument immarkat "EE01" ġie ppreżentat li kien jikkonsisti f'sensiela ta' *e-mails*.

Fl-istess udjenza xehed **Silvio Desira**, prodott mis-soċjetà attriċi. Hu qal li kien jokkupa l-kariga ta' kontrollur finanzjarju fi ħdan is-soċjetà attriċi. Hu xehed li fl-episodju tal-24 ta' April 2018 kienet waqfet il-produzzjoni għal ħames sigħat u tlett kwarti. Desira spjega li fis-sagħtejn u kwart qabel il-qtugħ tad-dawl laħqu pproduċew ċertu ammont ta' oġġetti u li kieku l-ġurnata baqgħet għaddejja kif kien ippjanat, jiġifieri mingħajr qtugħ tad-dawl, kienu jipproduċu ħafna aktar minn dak li fil-verità pproduċew. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi ħadmet l-ammont li tilfet talli ma kinitx ħadmet il-prodott (jiġifieri dak li kienet tipproduċi kieku ma nqatax id-dawl). Desira qal li t-talba ma kinitx ibbażata fuq profitti mitlufa (jiġifieri l-profitt li kienet tagħmel is-soċjetà attriċi kieku l-prodotti li kienu jinħadmu fl-ammont ta' ħin in kwistjoni kienu jinbiegħu) iżda fuq l-*actual cost* li hija nkorriet f'dawk il-ħames sigħat u tlett kwarti fejn ma setgħetx issir produzzjoni. Ix-xhud iċċara li minkejja li l-produzzjoni waqfet, huma xorta kellhom iħallsu lill-ħaddiema tagħhom u xorta kellhom jagħmlu tajjeb għal ċerti *overhead costs*.

Ix-xhud spjega li fl-episodju tal-24 ta' April 2018 kien hemm żewġ linji ta' produzzjoni li minnhom waħda kienet tal-qali u l-oħra ta' prodott jismu "Krupuk". Iż-żewġ linji kienu armati bin-nies u l-*manager* tagħhom. Bħala kalkoli, Desira spjega hekk:

- Illi fir-rigward tal-prodott "Krupuk", laħqu pproduċew mitejn u disgħa u tletin (239) kaxxa u tilfu (jiġifieri ma pproduċewx) erba' mija u sittax-il kaxxa (416).

- Illi fir-rigward tal-linja tal-produzzjoni l-oħra, laħqu pproduċew tlett mija u sebgħa u sebgħin (377) kaxxa u tilfu (jiġifieri ma pproduċewx) seba' mija u sitta u sebgħin (776) kaxxa.

Huwa kompla jgħid li dan kien konsegwenza tal-ħames sigħat u tlett kwarti waqfien. Kien ħadem il-*labour cost* tal-prodott u l-*overheads* tal-prodott. Il-materjal ma ġiex ikkalkulat għax billi l-produzzjoni waqfet, ma kien qiegħed jintuża ebda materjal. Min-naħa l-oħra, kien hemm telf ta' xi materjal fir-rigward ta' dak li kien *work in progress* fil-ħin tal-qtugħ tad-dawl (fis-sens li kien hemm xi xogħol li kien għadu mhux ippakkeġġjat). Dak ġie vvalutat bil-*cost component* tal-ingredjenti, tal-*labour* u l-*overheads*. Il-*packaging* ma ġiex ikkunsidrat iżda mill-bqija, Desira ħa l-*full cost* fil-każ taż-żewġ linji ta' produzzjoni.

Dwar l-episodju tat-28 ta' Mejju 2018, Desira spjega li dakinhar kien inqata' d-dawl għal madwar sagħtejn u kwart u kienu qegħdin jipproduċu prodott wieħed biss. Qabel il-qtugħ tad-dawl kienu pproduċew tlett mija u ħdax-il kaxxa (311) u kieku komplew jipproduċu kienu jipproduċu madwar mitejn u tlieta u erbgħin (243) kaxxa oħra. Desira żied li minħabba l-qtugħ tad-dawl, waħda mill-magni li tintuża fil-produzzjoni taċ-*cheese balls* iġġammjat u żewġ *fitters* kellhom jintervjenu u spiċċaw ħadmu sagħtejn *overtime* biex isewwu l-magna. Dawn is-sagħtejn *overtime* swew lis-soċjetà attriċi tnejn u erbgħin Ewro (€42.00). Inoltre, l-*alarm* tal-*plant* kellha tissewwa minn terza persuna għax saritilha l-ħsara. Din it-tiswija swiet lis-soċjetà attriċi mija u erbgħa u sittin Ewro (€164.00).

Fuq domanda tat-Tribunal, Desira qal li safejn kien jaf hu, is-soċjetà konvenuta kienet qed tagħmel xogħol ta' skavar.

Fl-istess udjenza, jiġifieri dik tas-27 ta' Mejju 2019, xehed **Damian Whitehead**, prodott mis-soċjetà attriċi. Hu xehed li kien jokkupa l-kariga ta' *chief operating officer* fi ħdan il-*property division* tas-soċjetà Malta Industrial Parks. Huwa qal li fl-24 ta' April u fit-28 ta' Mejju 2018 kien hemm *road formation works* li kienu qed isiru fl-Imrieħel in segwitu ta' kuntratt iffirmat bejn l-istess Malta Industrial Parks u s-soċjetà konvenuta. Ix-xhud spjega li kellhom isiru *road formation works* fis-sit magħrufa bħala "MRH005" fil-qasam industrijali tal-Imrieħel. Din kienet fabbrika kbira li nqasmet fi *plots* iżgħar u kien hemm bżonn li jsiru toroq li jwasslu għal dawn il-*plots* iżgħar. Xogħol is-soċjetà konvenuta kien li jsiru dawn it-toroq. Whitehead kompla jgħid li skont żewġ rapporti dwar inċidenti li seħħu fl-24 ta' April 2018 u fit-28 ta' Mejju 2018, is-soċjetà konvenuta kienet qed tagħmel xi skavar u laqtet xi *cables* tal-elettriku tal-Enemalta. Ir-rapporti ġew ippreżentati u mmarkati dokumenti "DW1" u "DW2". Whitehead ippreċiża li dawn il-*cables* kienu jissupplixxu l-elettriku lis-soċjetà attriċi iżda qal ukoll li kien intlaqat ukoll *cable* li kien jipprovdi l-elettriku lil xi post ieħor f'Santa Venera. Skont ix-xhud, l-inġinier tal-Malta Industrial Parks ikkomunika mal-inġinier tal-Enemalta li mar fuq il-post u ġie kkonstatat li l-*cables* li ntlaqtu kienu jinsabu fejn kienet qed tħaffer is-soċjetà konvenuta. Ix-

xhud kompla jispjega li l-Malta Industrial Parks ikkuntattjat lill-Enemalta biex tirrapporta l-ħsara u għamlet pressjoni biex din tissewwa malajr. L-inġinier li ħejja r-rapporti ppreżentati kien impjegat tal-Malta Industrial Parks.

Fl-istess udjenza xehed **Joseph Pace**, prodott mis-soċjetà attriċi. Hu qal li fir-rigward tal-24 ta' April u tat-28 ta' Mejju 2018, kien ġie nfurmat li s-soċjetà konvenuta kienet qed tagħmel xi skavar meta laqtet xi *cables* tal-Enemalta. Hu qal li f'ġurnata minnhom kien hemm qtugħ ta' ħames sigħat u tlett kwarti. Pace qal li ma kinux qed jitolbu ħlas għal telf ta' profitt iżda biss il-materjal. Huwa spjega li t-tip ta' ikel li kienet tipproduċi s-soċjetà attriċi kellu tabilfors ikun ippakkeġġjat sa nofs siegħa jew tlett kwarti minn meta jsir inkella jassorbi l-umdità u jkollu jintrema. Dak huwa eżempju ta' materjal mitluf. Min-naħa l-oħra, anki jekk il-fabbrika tingħalaq għal ġurnata minħabba l-problema tal-elettriku, il-kera tal-fabbrika xorta kellha titħallas għal dik il-ġurnata, il-miżati tal-assigurazzjoni kellhom jitħallsu u l-pagi kellhom jitħallsu. Pace spjega li għalhekk, kien hemm element ta' *fixed costs* f'kull kaxxa ta' kull prodott li jsir. It-talba kienet ibbażata fuq *incurred costs* u mhux fuq profitt. Qal ukoll li damu jistennew risposta mingħand is-soċjetà konvenuta u ma stenniex li kienu ser jaslu li jkollhom bżonn jiftħu kawża, u dan għax kien ġie indikat lilhom li s-soċjetà konvenuta kienet qed tinnegozja mal-assigurazzjoni tagħha. Kien biss meta s-soċjetà konvenuta waqfet tikkomunika li ħassew li kellhom jiftħu kawża.

Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2019 xehed l-inġinier **Joshua Borg**, prodott mis-soċjetà attriċi. Saret referenza għal rapporti diġà ppreżentati iżda l-avukat tas-soċjetà attriċi talab lix-xhud jikkonferma r-rapporti taħt ġurament u għalhekk reġgħu ġew ippreżentati u mmarkati dokumenti "JB1" u "JB2". Borg ikkonfermahom taħt ġurament. Ix-xhud spjega li fl-24 ta' April 2018 huwa ġie kkuntattjat minn inġinier tal-Enemalta (tad-distrett) li qallu li s-soċjetà konvenuta kienet laqtet *cable*. Marru fuq il-post u raw li kien qiegħed jinfetaħ fejn illum hemm il-fabbrika tal-*Busy Bee*. Borg imbagħad qal li kien hemm *cable* milqut li skont l-informazzjoni li kellu, kien iservi lis-soċjetà attriċi. Borg qal li b'għajnejh ra t-trinek miftuħin u s-soċjetà konvenuta kienet qed taħdem bl-*excavator* u kien hemm il-*cable* milqut, jiġifieri maqtugħ.

Fir-rigward tal-inċident tat-28 ta' Mejju 2018 Borg qal li dakinhar hu ma kienx mar fuq il-post iżda kien intalab mill-Malta Industrial Parks sabiex jagħmel rapport u r-rapport kellu fih l-informazzjoni li kiseb mingħand l-Enemalta li mbagħad kitibha fil-forma ta' rapport. L-uffiċjal relattiv tal-Enemalta kien l-inġinier Brian Micallef. Fir-rigward tal-inċident tal-24 ta' April 2018, Borg xehed li f'dik l-okkażjoni kien kellem lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta u li x-xogħlijiet ma kinux koperti bi *trenching permit* u l-ħaddiema ma kinux jafu li kien hemm *cable*.

Fil-kontro-eżami, Borg iċċara li meta wasal hu fuq il-post, l-*excavator* kien wieqaf u li hu ma kienx preżenti meta sar l-inċident. Dwar il-permessi, Borg spjega li normalment, meta wieħed jaħdem fi triq pubblika kellu bżonn *trenching permit* li wieħed kellu japplika għalih mat-*Transport Malta*. Borg ikkonferma li hu ma kienx jaf personalment jekk kienx hemm *trenching permit* iżda din l-informazzjoni ngħatatlu minn Rhys Lee Buttigieg, uffiċjal tas-soċjetà konvenuta.

Fl-istess udjenza, jiġifieri dik tal-1 ta' Lulju 2019, xehed **Raymond Curmi**, prodott mis-soċjetà attriċi u li kien jokkupa l-kariga ta' *production manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi. B'referenza għall-episodju tal-24 ta' April 2018, huwa xehed li għall-ħabta tal-għaxra u għaxra (10:10) ta' filgħodu nqata' d-dawl u fil-pront ġew iċċekkjati l-*mains* tal-fabbrika sabiex jaraw jekk kienx min-naħa tagħhom iżda rriżulta li l-*mains* tal-fabbrika kienu kollha mixgħulin. Wara ftit, ħareġ mill-fabbrika u ttawwal fuq ix-xellug tal-fabbrika fejn kien qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni. Curmi nnota li kien hemm *cable* fis-sens li kien hemm ħaddiem iħaffer u laqat *cable*. Curmi staqsa lill-ħaddiem min kien iħaddmu u dan wieġeb li kien impjegat tas-soċjetà konvenuta. L-istess ħaddiem tah in-numru tar-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, Rhys Lee Buttigieg. Curmi ċempel lil Buttigieg u mbagħad, Buttigieg ċempillu lura u qallu li kien ser jasal inġinier tal-Enemalta fuq il-post. Wara madwar siegħa wasal Brian Micallef, l-inġinier tal-Enemalta. Curmi staqsa lil Micallef jekk kienx ser jieħu ħafna ħin biex il-ħsara tissewwa – u dan sabiex Curmi jkun jista' jikkalkula jekk setax f'xi ħin ikompli bil-produzzjoni. Huwa xehed li Micallef qallu li kienu ser jinqabżu l-erbgħa (4:00) ta' wara nofsinhar. Għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar, Micallef ċempel lil Curmi biex jgħidlu li l-ħsarat kienu fit-tul għax bil-ħsara li saret inġibed *cable* ieħor li jwassal post ieħor u t-tiswijiet kienu ser jaqbżu nofs il-lejl. Curmi mbagħad qal li meta hu reġa' daħal ix-xogħol l-għada filgħodu, kollox kien reġa' għan-normal.

Ix-xhud ġie muri t-tieni paġna tad-dokument JB1 (fol. 83) u kkonferma li dak kien il-post fuq ix-xellug tal-entratura tal-fabbrika tas-*Sunshine Snacks*. Mistoqsi dwar prodotti, Curmi xehed li fl-ħin tal-qtugħ tad-dawl, kienu qegħdin jipproduċi l-*popcorn* u l-*Krupuk*. Minħabba l-qtugħ tad-dawl, dak kollu li kien għadu ma nħadimx kellu jkun mormi. Intremew "*twelve large bags*" ta' *popcorn* u "*eighteen large bags*" ta' *Krupuk*. Inoltre, mill-ħin tal-qtugħ tad-dawl sal-*close of business*, il-ħaddiema ma kienu qed jagħmlu xejn.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Anton Bugeja**, prodott mis-soċjetà attriċi u *production manager* fi ħdan l-istess. Huwa xehed dwar l-episodju tat-28 ta' Mejju 2018 u spjega li f'dik id-data fis-sagħtejn neqsin kwart (1:45) ta' wara nofsinhar inqata' id-dawl. Bugeja mar fuq waħda mill-magni u pprova jżarmaha għax jekk il-prodott jilħaq jagħqad fiha, ikun iktar diffiċli li tiżżarma. Ix-xhud qal li ħareġ barra mill-fabbrika u ra persuna bil-gaffa quddiem il-*Busy Bee*. Kien hemm gaffa u żewġ *cables* maħruġin mill-art. Il-persuna li kien qiegħed iħaddem il-gaffa kien barrani u ammetta max-xhud li kien laqat xi *cable*. Dan il-barrani qal lix-xhud li kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta. Bugeja ċempel lill-Enemalta biex jinfurmahom u l-ħaddiema tal-Enemalta waslu wara madwar siegħa. Meta raw il-*cables* maqlugħin, qalu li kellhom bżonn xi makkinarju biex ikomplu jħaffru u jaraw minn fejn inqata' il-*cable*. Il-ħaddiema tal-Enemalta nfurmaw lix-xhud li sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00) żgur ma kienx ser jirritorna d-dawl. Imbagħad, il-ħaddiema ċemplu lix-xhud għall-ħabta ta' nofs il-lejl biex jgħidulu li kien ġie d-dawl.

Dwar prodotti mormija, Bugeja qal li ġew mormija tlettax-il borża kbira fejn kull borża kienet tiżen ħames kilogrammi. Xehed ukoll li sakemm ma kienx hemm dawl, il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi ma setgħu jagħmlu xejn.

Dwar il-magna relattiva li kellha bżonn it-tiswijiet, Bugeja spjega li dawk kienu Renato Saliba u Joe Bonello, *fitters* fi ħdan is-soċjetà attriċi, li kellhom jaħdmu *overtime*. L-ewwel neħħew il-*cornmeal* għax dan kien għaqad fil-magna. Imbagħad tefgħu lubrikant u bdew jippruvaw iżarmawha bil-mod iżda kien proċess li jieħu l-ħin. Wara ħafna ħin irnexxielhom isewwuha. L-*alarm* tal-fabbrika kellha bżonn xi tiswijiet ukoll.

Fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019 xehed **l-Inġinier Brian Micallef**, impjegat tal-Enemalta. Huwa ppreżenta dokumenti mmarkati BM1 u BM2 li kienu jirrigwardaw l-episodji tal-24 ta' April u t-28 ta' Mejju 2018. Id-dokument BM1 kien jirrigwarda l-inċident tal-24 ta' April 2018 filwaqt li BM2 kien jirrigwarda l-inċident tat-28 ta' Mejju 2018.

Dwar id-dokument BM1, Micallef qal li kien rappreżentant tas-soċjetà konvenuta li ċempel lill-uffiċċju distrettwali tal-Enemalta iżda ma kienx jaf l-isem tal-persuna li ċemplet. Wara dan, Micallef u l-*foreman* marru fuq il-post u raw *cables* milqutin bil-ħsara fejn kienu qed iħaffru l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta. Micallef qal li kienet il-gaffa tas-soċjetà konvenuta li kkawżat il-ħsara. Imbagħad, hu ta l-istruzzjonijiet lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta biex ikomplu jħaffru sabiex l-Enemalta tkun tista' ssewwi. Il-*cable* milqut kien iwassal għall-fabbrika tas-*Sunshine Snacks*. Micallef iċċara li qabel l-inċident tal-24 ta' April 2018 ma kien hemm ebda skambju ta' komunikazzjoni bejn l-Enemalta u s-soċjetà konvenuta dwar il-pożizzjonijiet tal-*cables* taħt il-wiċċ tat-triq.

Micallef kompla jgħid li meta xi ħadd javża lill-Enemalta dwar xogħlijiet, huma jibgħatu uffiċjal fuq il-post. Għalkemm Micallef qal li eventwalment huma ġew infurmati b'xogħlijiet ippjanati billi ġie mgħoddi lilhom numru ta' referenza li kien numru ta' permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, fiż-żmien tal-ewwel inċident ma kellhom ebda ħjiel.

Dwar it-tieni inċident (jiġifieri tat-28 ta' Mejju 2018), Micallef qal li s-soċjetà konvenuta kienet ċemplet hi stess lill-Enemalta biex tgħidilhom li kienu laqtu *cable*. Huwa kompla jiċċara li kienu ntlaqtu żewġ *cables* – wieħed li jwassal għand is-*Sunshine Snacks* (tas-soċjetà attriċi) u ieħor li jwassal f'fabbrika oħra.

Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 xehed **PS274 James Turner** li ppreżenta d-dokument JT1 li kien rapport aġġornat. Turner spjega li meta jidħlu rapporti mill-Enemalta dwar ħsarat fuq *cables*, isir rapport u t-terza persuna tkun infurmata li l-Enemalta tkun daħħlet rapport. Skont il-każ, l-Enemalta tista' tibgħat *letter to prosecute* lill-Pulizija. F'dan il-każ, iżda, l-Enemalta rrinunzjat sabiex ikunu jistgħu jsiru aktar investigazzjonijiet mill-Pulizija.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **PS1284 Ian Caruana** li ppreżenta d-dokument IC1 li kien rapport dwar l-episodju tat-28 ta' Mejju 2018.

Xehed ukoll **Kenneth Xuereb**, rappreżentant tal-Enemalta prodott mis-soċjetà attriċi. Huwa beda biex ikkonferma li hu kien l-awtur tar-rapport a fol. 99 tal-proċess. Qal li kienet it-taqsima tal-*customer care* li nfurmatu bil-qtugħ tal-*cables* u hu ma kienx ikun jaf min ikun informa lit-taqsima tal-*customer care*. Huwa qal li mar fuq il-post mal-inġinier Brian Micallef u sabu ħaddiema tas-soċjetà konvenuta. Dawn qalu lil Xuereb u lil Micallef li raw *cables* mikxufin u raw xi *sparks* ħerġin min wieħed minnhom. Meta kixfu, Xuereb u Micallef raw *cable* minnhom maħruq. Il-ħsara saret billi dan kien intlaqat. Skont Xuereb, intlaqat bil-makkinarju li kien qiegħed jitħaddem minn ħaddiema tas-soċjetà konvenuta. Waħda mill-fabbriki li sofrew qtugħ tad-dawl minħabba l-inċident kienet il-fabbrika tas-soċjetà attriċi.

Fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2020 reġa' xehed **l-Inġinier Brian Micallef** li sarulu domandi mill-avukat tas-soċjetà konvenuta. Mistoqsi jekk fil-fatt kienx hemm bżonn permess ta' *Transport Malta* u mhux tal-Awtorità tal-Ippjanar, ix-xhud ikkonferma li kien hemm permezz ta *Transport Malta* (billi kienet triq) u spjega li l-inħawi kienu fejn hemm il-Malta Industrial Parks. Micallef qal li dan kien proġett maġġuri u kien hemm ħafna fabbriki involuti u l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet permess biex ikopri l-post kollu u għalhekk, talbu n-numru tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Ix-xhud qal li l-permess bin-numru RWP10705/18 kien permess ta' *Transport Malta* u mbagħad ikkonferma li ma kinitx kundizzjoni ta' dan il-permess li l-Awtorità tal-Ippjanar kellha anki hi tagħti l-permess tagħha. Fuq domanda, ix-xhud qabel li suppost kien hemm permess ta' *Transport Malta* u li la l-Enemalta u lanqas *Transport Malta* ma kienu qed joġġezzjonaw għax-xogħlijiet.

Ix-xhud spjega li meta kuntrattur jgħid lill-Enemalta li jrid iħaffer f'xi post, huwa jgħidilhom li għandu permess u mbagħad, l-Enemalta tiggwidah u turih x'hemm fuq il-post biex ma ssir assolutament ebda ħsara. Micallef ikkonferma li l-proċedura kienet li jagħtu lill-kuntrattur informazzjoni dwar id-distrett u l-kuntrattur irid iċempel numru tat-telefon partikolari tlett ijiem qabel il-bidu tax-xogħlijiet biex javża lit-taqsima tal-*customer care* jew lill-uffiċċju distrettwali. Imbagħad, il-permess tal-kuntrattur jasal għand il-*GIS Officers* tal-Enemalta li jaraw il-pjanti tal-Enemalta sabiex jipprovdu gwida dwar il-post fejn ikunu se jsiru x-xogħlijiet.

Mistoqsi jekk il-kuntrattur setax jibda x-xogħlijiet kemm-il darba ma jirċievi ebda risposta mingħand l-Enemalta, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv iżda żied li l-kuntrattur seta' anki jibgħat *e-mail* jekk ma jaqbadx bit-telefon. Ix-xhud ikkonferma li f'dan il-każ, il-kuntrattur kellu jċempel l-uffiċċju distrettwali ta' Birkirkara fuq in-numru 21442159 iżda l-karta b'din l-informazzjoni ma kellha ebda *e-mail address*.

Mistoqsi dwar l-episodju fejn wara li nqatgħu l-*cables*, is-soċjetà konvenuta ngħatat struzzjonijiet biex tkompli tħaffer sabiex ikun aktar faċli biex l-Enemalta tagħmel it-tiswijiet, ix-xhud ikkonferma li ovvjament seta' jsir tħaffir bil-magni u l-Enemalta kienet tgħidilhom kif, fejn u kemm kellhom iħaffru. Dan it-tħaffir wara l-qtugħ tal-*cable* kien tħaffir iggwidat mill-uffiċjali tal-Enemalta u l-Enemalta kienet perjodikament tagħmel ċerti *checks*. L-istruzzjonijiet kienu sabiex il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta jħaffru bil-mod mal-*cable* u l-ħaddiema obdew. Hawn, Micallef ippreċiża li dan kien li sar wara l-inċident u mhux qabel. Qabel l-inċident, l-Enemalta kienet biss timmarka fejn kien hemm il-*cables* u skont il-każ, titlob li l-iskavar isir bl-idejn. Kienet *standard procedure* li fejn hemm *cable*, it-tħaffir kellu jsir bl-idejn. Dwar superviżjoni, fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud qal li l-Enemalta ma tkunx fuq il-post waqt l-iskavar iżda forsi xi darba kienet tibgħat lil xi ħadd jara kif kien għaddej ix-xogħol. Ma kienx hemm mod kif l-Enemalta tkun taf jekk il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta jkunux obdew l-istruzzjonijiet li jħaffru bl-idejn. Iżda wara li saret il-ħsara, seta' jsir tħaffir bil-gaffa.

Fir-ri-eżami, ix-xhud qal li kien qiegħed jixhed dwar l-episodju ta' April 2018 u reġa' qal li mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta qaċċtu l-*cable*, liema soċjetà konvenuta ħaffret bil-gaffa meta ġeneralment, l-istruzzjonijiet tal-Enemalta fejn ikun hemm *cable* ikunu li t-tħaffir isir bl-idejn.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020 reġa' xehed **Joshua Borg**, prodott mis-soċjetà konvenuta in kontro-eżami. Huwa qal li waqt li seħħew iż-żewġ inċidenti (April u Mejju 2018) hu ma kienx preżenti iżda mar fuq il-post wara. Borg ikkonferma li l-Malta Industrial Parks kienet tavża lill-kuntrattur li hu kien responsabbli li

japplika għall-permessi neċessarji sabiex isir ix-xogħol. Meta seħħ l-inċident, Borg qal li kien iċċekkja ma' *Transport Malta* jekk kienx hemm permess u kien jidher li ma kienx hemm permess. Borg qal ukoll li ma kienx jaf bil-permess RWP10705/18. Żied jgħid li meta kellem lill-Enemalta, ma deherx li saret talba sabiex l-Enemalta tmur timmarka fuq il-post.

Ikkonfrontat bix-xhieda tal-Inġinier Brian Micallef, ix-xhud qal li l-Malta Industrial Parks ma kienet tippreżenta ebda permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għax internament, it-toroq kienu tal-Malta Industrial Parks stess.

Borg ikkonferma li personalment huwa ma setax jikkonferma kienx hemm permess ta' *Transport Malta* iżda biss li huwa ċempel u li dawn infurmawh li ma kienx hemm permess.

Ix-xhud spjega d-differenza bejn permess tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien permess ta' żvilupp u *trenching permit* li kien permess ta' *Transport Malta* li tippermetti lill-kuntrattur iħaffer. Borg qal li l-Malta Industrial Parks kienet tavża lill-kuntratturi sabiex japplikaw għal *trenching permit*.

Borg qal ukoll li wara l-ewwel inċident, ma setax jara jekk il-kuntrattur in kwistjoni kienx qiegħed jaħdem bil-permess jew le iżda kien jaf biss li dan kellu japplika għal *trenching permit*.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ma jsibx diffikultà jifhem li din il-kawża hija dwar *damnum emergens* sofferti mis-soċjetà attriċi wara li f'żewġ okkażjonijiet separati, ħaddiema tas-soċjetà konvenuta, hekk kif kienu qed jagħmlu xi xogħlijiet ta' tħaffir jew skavar jew *trenching* fil-proprjetà tas-soċjetà Malta Industrial Parks, laqtu xi *cables* tal-elettriku u b'konsegwenza, inqatgħet il-provvista tal-elettriku lill-fabbrika tas-*Sunshine Snacks*, ossia s-soċjetà attriċi. Stante l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku, is-soċjetà attriċi sofriet dak elenkat fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal josserva li matul id-depożizzjoni tax-xhud Brian Micallef (fol. 137), qam argument bejn l-avukati tal-partijiet fis-sens li meta l-avukat tas-soċjetà attriċi għamel domanda lix-xhud dwar liema kumpanija kienet qaċċtet il-*cable* (skont l-istess xhud), l-avukat tas-soċjetà konvenuta rrispondiet u qalet li dak il-punt ma kienx ikkontestat. Għalhekk faċli wieħed jifhem li għalkemm l-avukati tal-partijiet ma kinux xhieda f'din il-kawża, is-soċjetà konvenuta essenzjalment tammetti li l-*cables* tqaċċtu, fiż-żewġ okkażjonijiet, bi ħtija tagħha u/jew tal-impjegati tagħha.

F'dan l-ambjent, it-Tribunal jinnota l-applikabilità tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili fejn l-Artikolu 1031 jgħid li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" u l-Artikolu 1032 jgħid li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

L-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili mbagħad ikompli jgħid li l-parti li tkun naqset fi dmirijietha hija obbligata tirriżarċixxi d-danni subiti mill-parti danneġġjata.

Ġie spjegat mill-Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet ***David Brincat et vs. Francis Sammut et***, deċiża fit-28 ta' Ġunju 2016, illi:

> "*Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega li l-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:*
>
> > *i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;*
> >
> > *ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u*
> >
> > *iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati).*

> *Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita fil-kondotta ta' individwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill- ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*"

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Dr H. Lenicker vs. J. Camilleri***[2], deċiża fil-31 ta' Mejju 1972 li fiha ntqal hekk:

> "*… f'kawża ċivili l-attur li jallega li ġratlu ħsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma tistax ikollha eżitu favorevoli.*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et***, deċiża fis-26 ta' Settembru 2013, il-Prim' Awla qalet:

> "*Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-egħmil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-egħmil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabilità għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabilità li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert. Ir-rabta tal-kawżalità hija meħtieġa tabilfors;*"

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi***, deċiża fit-12 ta' April 2007, fakkret:

> "*Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor).*"

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha ***Air Malta plc et vs. Malta International Airport plc*** (deċiża fit-30 ta' Settembru 2016), qalet:

> "*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati minn delitt jew kwazi delitt, mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjet tieghu, izda jehtieg ukoll li jipprova li dik il-hsara tkun gejja mill-agir tal-konvenut jew li dan b'xi mod ikkontribwixxa ghaliha (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Novembru, 1984, fil-kawza fl-ismijiet **Piju Bezzina v. Indri Galea**).*"

Fil-fehma tat-Tribunal, m'hemmx dubju li x-xhieda prodotti mis-soċjetà attriċi huma univoċi. Ix-xhieda Efrem Ebejer u Silvio Desira xehdu fir-rigward tal-*quantum* tad-danni subiti u l-kalkoli tagħhom jaqblu bejniethom kif ukoll jagħmlu sens loġiku. Inoltre, is-soċjetà konvenuta lanqas biss ħasset il-bżonn li tassoġġettahom għal kontro-eżami u lanqas attakkat il-kalkoli tagħhom. Jidher ċar ukoll li s-soċjetà attriċi qieset sewwa l-*quantum* u ma esaġeratx – liema kumment qiegħed isir fid-dawl tal-fatt li l-ammont mitlub ma jinkludix profitti mitlufa (*lost profits*).

[2] Ikkwotata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza ***Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella***, deċiża fit-2 ta' Mejju 1995.

Il-punt li huwa ċentrali għad-determinazzjoni ta' din il-kawża huwa jekk is-soċjetà konvenuta talbitx lill-Enemalta sabiex tindikalha fejn kienu l-*cables* relattivi sabiex hi u tħaffer, tkun tista' tevita li tagħmel ħsara lill-*cables*.

It-Tribunal jirreferi għad-dokument JB1 (fol. 80 *et seq.*) li jirrigwarda l-episodju tal-24 ta' April 2018. Dan ir-rapport, redatt mill-Inġinier Joshua Borg, li jaħdem ma' Malta Industrial Parks Limited, jgħid:

"*The incident occurred during excavation works which were being carried out in the area marked in yellow in Figure 1. The trenching works were related to the laying of a new water main. The contractor was not aware that were cables laid within that area because the work was not covered by a trenching permit. Furthermore, the contractor did not request Enemalta to carry out cable detection prior to the execution of the works.*"

Huwa ċar li fil-kontro-eżami (seduta tat-28 ta' Settembru 2020), is-soċjetà konvenuta ppruvat tagħmel il-punt li Borg ma kellux konoxxenza proprja dwar jekk kienx hemm *trenching permit* jew le iżda straħ fuq informazzjoni mogħtija lilu.

It-Tribunal issa jirreferi għad-dokument BM1 (fol. 93 *et seq.*) li huwa dokument tal-Enemalta li jgħid li s-soċjetà konvenuta kienet hija stess li rrappurtat l-inċident tal-24 ta' April 2018 u ammettiet li kienet hi li kkawżat il-ħsarat. Hemm ukoll dikjarazzjoni ċara (fol. 94) li tgħid "*Enemalta was not informed that there was trenching works on the road.*"

Min-naħa l-oħra, id-dokument BM2 (fol. 100 *et seq.*) ma jgħidx ċar u tond jekk kienx hemm *trenching permit* jew le.

Fit-trattazzjoni relattiva, l-avukat tas-soċjetà konvenuta, filwaqt li għamlet referenza għal *trenching permit* u anki diversi drabi meta kienet qed tagħmel domandi lix-xhieda fi stadji preċedenti tal-kawża, qalet ċar u tond li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tipproduċi kopja tal-permess relattiv. It-Tribunal, min-naħa tiegħu, ma jistax jifhem għaliex saret referenza għal permess li kieku nġiebet prova tiegħu, kien ikun ta' għajnuna konsiderevoli sabiex is-soċjetà konvenuta tipprova li ppruvat timminimizza d-danni u li għamlet ħilitha sabiex id-danni jkunu evitati. It-Tribunal lanqas ma jinsab mgħarraf għaliex ma tħarrkux xhieda speċifikament minn *Transport Malta* sabiex jipproduċu kopja tal-permess – ħaġa li kienet faċli meta tqis li s-soċjetà konvenuta kienet taf ir-*reference number* tal-permess.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' lix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha u sema' lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' elfejn u disa' mija u erbgħa u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€2,944.66) kif mitlub fl-Avviż tat-Talba bl-imgħaxijiet b'rata mhux ogħla minn dik permessa skont il-liġi, liema mgħaxijiet għandhom jiġu ikkalkulati mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali relattiva (jiġifieri mill-11 ta' Diċembru 2018 'il quddiem).

It-Tribunal jordna li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva mibgħuta lilha mis-soċjetà attriċi kif ukoll l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**